żmenijietna, avvolja l-qerda tagħhom hi bla ħniena, mur ara kif u kemm spiss kienet tinżgħed id-dinja bihom; u Malta li taħbat sewwa ma' ġenb, art twelidhom—l-Afrika—kemm sofriet, jaħasra!! Il-Gżira ta' Ċipru, li hi sew sew ftit mili bgħid minnha, kienet sa minn dejjem miżgħuda bil-ġradi. Fis-sena 1883 ġew meqrudin mill-anqas mal-200,000 miljun minn dawn l-annimali; mur ara qabel x'għadd bla qies, kien igħaddi minn fuqna. Altru tagħmilx wegħda bħal dik!!!

Fi żmien il-Gran Mastru Wignacourt, saret tfittxija biex jicxfu in-nisel ta' din il-wegħda, iżda ma rnexxilhomx. L-Abela fl-Istorja ta' Malta, itenni illi din il-Pirċissjoni aktarx saret fis-sena 1514. Mons Duzzina meta jsemmi ż-żjara li għamel lill-Knejjes tal-Gżira, isemmi l-Knisja ta' S. Katerina taż-Żejtun, u jgħid illi l-Pirċissjoni li fil-jum ta' San Girgor kienet issir, kienet waħda mill-aqwa u mill-ewlenin.

Naħseb illi l-jum ta' din il-Pirċissjoni, ġiè magħżul għal nhar San Girgor, billi d-dehra jew it-telqa mill-Gżira tal-ġrati, saret dak inhar. Iż-Żejtun u l-Knisja tiegħu ġew magħżulin il-għaliex dan ir-raħal hu l-iżjed imbigħed mill-Imdina, u b'hekk l-Isqof, il-qassisin, il-pôplu mitluqin bil-mixi, iħossu iżjed il-ħruxija tal-penitenza u tal-wegħda.

Jien ma jeniex nitħaddet *ex cathedra*, iżda qiegħed nistqarr ma' liema ħsieb iżjed naqbel, il-għaliex, jekk bqajna miftuma, imħabba ż-żmenijiet imdalma, minn Dokumenti ta' siwi u bla qerq, meta fost it-taħwid ta' fehmiet li xejn ma jaqblu waħda ma' l-oħra, jidhirli li meta naħseb li l-Pirċissjoni ta' San Girgor saret imħabba l ħelsien tal-ġradi u mhux għal ħaġa oħra, jista' wieħed igħid: Li ma għandix tort sa barra!

**Kan. G. M. Farrugia.**

## FRÂK
(BIEX MA JINTILEFX)

### GĦANNI POETA

Għanni, Poëta, għanni,
La darba dan hu sehmek:
Warajk, id-dinja tidħak,
Għax miet min darba fehmek.

Għanni, Poëta, għanni,
Ma' l-ward u ma' l-agħsafar...
Le, le m'hix ħtija tiegħek,
Jekk id-dinja tal-lum ma taqbelx miegħek.

**Dun Karm**

# *FOLKLORE* MALTI *

## NINNI, NINNI

Din il-għanja li biha l-ommijiet, dari iktar mil-lum, kienu jħannu t-tfal biex jorqdu, qalithieli waħda xwejħa ta' dwar 70 sena, il-lum, Alla jaħfrilha, tinsab mejta. Ktibtha *kif qalithieli* mingħajr ma sewwejt xejn fiha, biex biha nati ħjiel sewwa ta' dawn ix-xorta ta' għanjiet Maltin qodma li l-lum kegħdin jintilfu u fil-bogħod li tismagħhom. Wara dawn, minn dawk li s'issa ġbart, bi ħsiebni nġib oħrajn: ġabra tal-ewwel poëżiji, għanjiet, kollha kemm huma ssibilhom vrejjes zopop u taqbil li jixxiebah fil-widna bla ma jaqbel sewwa u b'tidqis imħaw-wad, ta' qwiel u *isturnelli popolari*. Fuq kollox huma dejjem ħelwin u fihom 'l hawn 'l hinn xi frak ġawhri ta' dak il-ħsieb u qalb li kitbuhom jew għannewhom.

### TAĦNIN

Orqod, ibni, orqod
ġol-benniena tal-ħarir;
ommok Santa Klara,
missierek Sant'Wistin:
ħutek kollha l-kabuċċini,
missierek Ġesù Bambin.

*(Il-Madonna)* Orqod, ibni, orqod
biex ngħattik bix-xugaman.
*(Ġesù)* Matri, ma nistâx norqod
għax niftakar fil-musmar.

Ejjew, Anġli tas-Sema,
ejjew wieħed u ħamsin,
biex teħduli 'l ibni magħkom,
biex tgħallmuh il-Matutin.

* Folklore. Żewġ kelmiet magħqudin flimkien, waħda mill-Ingliż Qadim *folc* u l-Ġermaniż *volk* u l-oħra mill-Ingliż Qadim *lar*, Olandiż *leer* u Ġermaniż *lehre*, qariba tal-kelma Ingliża *learn* (tgħallem). Tfisser: tifkiriet ta' qwiel drawwiet, seħrijiet ecc. fost il-poplu li wirithom. Studju tagħhom.